*-SERVIZZ TELEFONIKU-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar, 2001**

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 1283/98/RCP**

**Maltacom plc**

**vs**

**Anthony Perry**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi skond il-ftehim relattiv hawn anness u markat "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef tmien mija u wiehed u tletin Lira

Maltija u tlett centezmi (Lm4,831.03) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru tnejn erbgha sebgha sebgha sebgha tnejn, (247772), skond il-prospett hawn anness bhala "Dok B"

Illi interpellat biex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija u wiehed u tletin Liri Maltija u tlett centezmi (Lm4,831.03)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 *et sequitur* tal-process;

Rat l-affidavit tal-Prokuratur Legali Noel Scerri ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` attrici; kif ukoll id-dokumenti (Dok A u Dok B) ezebiti mac-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 15 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-gudizzju mhux integru stante illi Pauline Perry, mart il-konvenut, ma gietx interpellata fil-kawza odjerna;

2. Illi subordinatament u mighajr pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa qatt ma dahal fi ftehim mas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-servizz telefoniku allegatament rez mis-socjeta` attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 15 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Gunju 1998; tal-14 ta’ Dicembru 1998; tas-17 ta’ Marzu 1999; tal-31 ta’ Mejju 1999 fejn il-Prokuratur Legali Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjeta` attrici nforma lill-Qorti li l-konvenut qieghed jigbor minghand haddiehor l-ammont dovut u kellu jghaddi l-ammont li kien se jdahhal dik il-gimgha stess lis-socjeta` attrici. Il-kawza baqghet differita ghall-probabbli cessjoni; tal-15 ta’ Dicembru 1999; tal-1 ta’ Marzu 2000 fejn il-Prokuratur Legali Noel Scerri nforma lill-Qorti li l-konvenut ma ghamel l-ebda pagament fil-mori tal-kawza u ghalhekk talab li l-kawza tieghu l-kors normali taghha; tas-17 ta’ Mejju 2000; tal-4 ta’ Ottubru 2000 fejn il-PL Noel Scerri kkonferma bil-gurament tieghu d-dikjarazzjoni attrici; d-

dokumenti ezebiti u li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza. Huwa ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghall-5 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2000 fejn il-konvenut u Dr Borg Cole ghall-istess imsejha tlett darbiet ma dehrux. Illi l-Qorti ddegretat li peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-konvenut li baqa' ma deherx, la huwa u lanqas id-difensur tieghu u b'hekk ma ngabu ebda provi, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' erbat' elef tmien mija u wiehed u tletin lira Maltija u tlett centezmi (Lm4,831.03) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 247772.

Ili l-konvenut permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu eccepixxa illi l-gudizzju mhux integru stante illi martu, Pauline Perry, ma gietx interpellata fil-kawza odjerna. Illi l-istess konvenut ma gab l-ebda provi f'dan is-sens, izda jinghad ukoll li n-nuqqas ta' presenza tal-istess martu ma

tirrendix il-gudizzju mhux integru, stante li jidher li ftehim gie milhuq mal-konvenut stess.

Illi inoltre` l-istess konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa qatt ma dahal fi ftehim mas-socjeta` attrici ghall-hlas tas-servizz telefoniku allegatament rez mis-socjeta` attrici. Illi fid-dikjarazzjoni guramentata intqal illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` YADA Company Limited liema socjeta` hija proprjetarja ta' Sa Maison Hotel. Illi mill-istess dikjarazzjoni rrizulta li hu qed isostni li l-ftehim in kwistjoni sar bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` YADA Company Limited u dan peress illi l-konvenut iffirma l-ftehim ghan-nom u taht l-istruzzjonijiet specifici tas-socjeta` YADA Company Limited.

Illi l-konvenut ghalkemm moghti l-opportunita` mill-Qorti biex jipproduci l-provi tieghu hu naqas milli jaghmel dan. Illi mill-ftehim (Dok A) li gie ezebit mac-citazzjoni attrici (a fol 7 tal-process) jirrizulta illi meta l-konvenut Anthony Perry iffirma m'hemm l-ebda ndikazzjoni li hu kien qieghed jiffirma ghan-nom u in rappresentanza ta' xi kumpanija, u ghalhekk skond l-istess ftehim l-unika relazzjoni naxxenti minnu hija dik bejn l-istess socjeta` attrici u l-konvenut.

Illi l-Prokuratur Legali Noel Scerri in rappresentanza tas-socjeta` attrici kkonferma bil-gurament tieghu d-dikjarazzjoni attrici, id-dokumenti ezebiti u inoltre` li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici, a bazi tal-premess, ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-tieni talba attrici**, b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat' elef tmien mija u wiehed u tlettin Liri Maltija u tlett centezmi (Lm4,831.03) dovuta in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 247772.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni tal-15 ta' Gunju 1998 sa l-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**13 ta' Frar, 2001**